**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**(Sede Kostituzzjonali)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 622/2023DC**

***Vincent Xuereb (K.I. Numru 8074G)***
***Noel Vella (K.I. Numru 1682G)***

***vs***

***L- Avukat tal-Istat***

**Illum, 30 ta' Jannar, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors tal-atturi** ppreżentat fid-19 ta' Diċembru, 2023 permezz ta' liema *ppremettew:-*

*A. <u>Il-fatti li minnhom irriżulta l-ilment</u>*

1. *Ir-rikorrenti Vincent Xuereb u Noel Vella nhar id-19 ta' Frar 2013 ġew akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'akkużi varji in konnessjoni mal-vjolazzjoni tal-Ordinanza dwar id-Dwana, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u l-Kodiċi Kriminali.*

2. *Nhar il-21 ta' Marzu 2018, ir-rikorrenti nstabu ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u bħala piena ngħataw multa ta' mija u tlieta u sebgħin elf, disa' mija u tlieta u tmenin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68) kull wieħed kif ukoll piena karċerarja ta' tmintax (18)-il xahar sospiżi għal sentejn.*

3. *L-esponenti ħassew ruħhom aggravati minn dik is-sentenza u għalhekk huma intavolaw appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' April 2018 (appell numru 166/2018) fejn fiha talbu t-tħassir tal-ħtija tagħhom.*

4. *Permezz ta' sentenza datata 20 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tagħhom u kkonfermat il-ħtija kif imposta fuqhom mill-ewwel qorti.*

5. *Għalhekk, qiegħed jiġi ppreżentat dan ir-rikors promotur mill-esponenti sabiex jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti tidħol fil-mertu tal-ilmenti kostituzzjonali li ser jiġu mqajma mill-esponenti f'dan ir-rikors.*

*B.* *<u>Il-lanjanza tal-esponenti</u>*

6. *It-tielet aggravju tal-esponenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali kien jikkonċerna l-merkanzija abbord il-bastiment bl-isem Sea Lioness – MFB 1775. Huma saħqu li l-Prosekuzzjoni kienet akkużathom b'kuntrabandu ta' sigaretti u li fid-dawl tal-prinċipju onus probandi incumbit ei qui dicit l-iktar ħaġa essenzjali li kellha tipprova il-Prosekuzzjoni kien li l-kontenut tal-merkanzija li allegatament kienu sejrin jiddaħħlu ġewwa Malta mingħajr ma jitħallsu t-taxxi u d-dazji relattivi kien filfatt merkanzija konsistenti f'sigaretti. Issenjalaw li dan il-kontenut kellu jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli.*

7. *F'dan ir-rigward, il-Qorti ntalbet tieħu konjizzjoni tas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Borg et (Nru 312/2018). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) kienet osservat li, fin-nuqqas ta' prova min-naħa tal-Prosekuzzjoni (bħal ritratti li juru l-kontenut tal-kaxxi, cioè l-allegati sigaretti nfushom, u n-nomina ta' espert biex jistabilixxi l-kontenut tal-kaxxi), ma kinitx inġiebet l-aħjar prova li l-Prosekuzzjoni kienet mistennija li ġġib (paġna 131 'il quddiem).*

8. *Fil-motivazzjonijiet tagħha għat-tielet aggravju tal-esponenti, il-Qorti qalet ċar u tond li 'ma tikkondividiex il-linja ta' ħsieb imsemmi' fis-sentenza ta' Michael Borg et fuq imsemmija u li 'ma taqbilx li ma ġiex ippruvat x'kien il-kontenut li kien hemm fuq is-Sea Lioness. Għalhekk, il-Qorti kkonkludiet li, minkejja nuqqas ta' ritratti li juru l-kontenut tal-kaxxi, jew espert biex jistabilixxi dan il-kontenut, li abbażi tagħhom kienu nħarġu l-akkużi kontra l-esponenti, il-Prosekuzzjoni xorta waħda kienet laħqet il-livell ta' prova meħtieġ.*

9. *L-esponenti jippremettu li llum-il ġurnata huwa aċċettat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u mill-awturi li d-dritt għal smigħ xieraq jinkludi d-dritt għaċ-ċertezza legali. Dan huwa prinċipju li janima kemm il-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta, u huwa wkoll element fundamentali tas-saltna tad-dritt.*

10. *Jippremettu wkoll li huwa aċċettat li d-dritt għaċ-ċertezza legali japplika wkoll fir-rigward ta' sentenzi tal-qrati, peress illi għandu jkun hemm stabbilità f'sitwazzjonijiet legali. Dan isaħħaħ il-fiduċja tal-pubbliku fil-qrati. Isegwi għahekk li jista' jagħti l-każ li l-persistenza ta' deċiżjonijiet kunfliġġenti u diverġenti mill-qrati domestiċi jista' jwassal biex il-qrati stess isiru l-aġent ta' inċertezza legali, ħaġa li timmina s-saltna tad-dritt, tnaqqas il-fiduċja tal-pubbliku fl-qrati, u tilledi d-dritt tal-individwu għal smigħ xieraq. B'mod partikolari, jista' jseħħ dan meta tkun qorti superjuri, li għandha l-obbligu tagħti d-direzzjoni li għandhom isegwu l-qrati ta' taħtha, li tagħti deċiżjonijiet kunfliġġenti fuq l-istess punt jew prinċipju legali.*

11. *Għalhekk, kif jirriżulta mis-surriferit u kif se jirriżulta aħjar matul il-perkors ta' dan il-kawża, l-Istat Malti naqas fil-konfront tal-esponenti billi:*

a. *Hemm każistika diverġenti u kunfliġġenti fuq il-kwistjoni tal-aqwa prova li għandha ġġib il-Prosekuzzjoni f'każijiet bħal dawk tal-esponenti, b'dan illi ċerti sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) jeħtieġu prova tal-kontenut tal-oġġett in kwistjoni u sentenzi oħra ma jirrikjedux din il-prova; u*

b. *Il-Liġi Maltija ma tipprovdix għal mekkaniżmi sabiex inkonsistenzi fil-każistika jiġu b'xi mod indirizzati u survolati.*

12. *L-esponenti jilmentaw li huma kienu l-vittma ta' każistika kunfliġġenti u diverġenti fuq in-natura tal-prova li trid iġġib il-Prosekuzzjoni sabiex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.*

13. *Jissottomettu li, ġaladarba m'hemmx mekkaniżmu li jippermetti li inkonsistenzi ġurisprudenzjali mill-ogħla Qrati tal-pajjiż jiġu b'xi mod indirizzati u survolati, l-individwu jkun suġġett għall-arbitru totali tal-ġudikant personalment u mhux ta' Qorti.*

14. *Dan huwa proprju dak li ġara fil-konfront tal-esponenti, fejn l-eżitu tal-kawża kriminali miġjub kontra tagħhom kien effettivament jiddependi unikament mill-opinjoni tal-ġudikant li quddiemu ħaslet li waqgħet il-kawża tagħhom. Wieħed ma jridx jinsa li fil-każ odjern si tratta fuq Qorti li xogħolha huwa li tagħti direzzjoni ta' x'għandha tkun l-interpretazzjoni korretta tal-liġi, u minflok qed twassal u tagħti deċiżjonijiet kunfliġġenti kif fuq spjegat u kif se jirriżulta aħjar fil-mori tal-kawża.*

15. *Mhuwiex ġust li l-eżitu ta' appell jiddependi fuq min ikun il-ġudikant. Dan għaliex tali sitwazzjoni twassal sabiex minflok il-liġi hija l-istess għal kulħadd, il-liġi tiġi applikata b'mod differenti skond min huwa l-ġudikant. B'hekk illi bħalma huwa dan il-każ, minflok ma kellek ġustizzja skond il-liġi ta' Malta, fil-każ tar-rikorrenti kellek il-liġi skond l-Imħallef Camilleri u fil-każ ta' Michael Borg et kellek il-liġi skond l-Imħallef Scerri Herrera. Fl-applikazzjoni tal-liġi ma jeżistix il-lussu li jkollok diverġenzi bħal meta, pereżempju, wieħed qiegħed jaqra l-vanġelu miktub minn wieħed mill-erbgħa evanġelisti differenti.*

16. *L-esponenti jissenjalaw li l-irwol tal-qrati għandu jkun dak li jiċċaraw it-tifsira tal-kelma tal-liġi fejn din tkun ambivalenti, u mhux li joħolqu aktar ambivalenza għall-applikazzjoni tal-liġi għall-każ a skapitu tal-individwu. Dan, kif fuq premess, ixejjen il-fiduċja tal-pubbliku fis-sistema legali Maltija u jdgħajjef is-saltna tad-dritt hawn Malta.*

17. *Inoltre, minħabba f'dan kollu jkun qed jiġi ppreġudikat l-imputat mid-dritt ta' parir legali siewi stante li l-avukati jridu allura jagħtu parir mhux skond il-liġi iżda skond il-ġudikant li jkun qed jippresjedi l-każ li jkun!*

U wara li hekk ippremettew, l-atturi talbu lil din il-Qorti:-

*1. Tiddikjara li bil-fatti hawn esposti ġew vjolati d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel talba, tiddikjara li teżisti każistika kunfliġġenti u diverġenti fuq il-kwistjoni tal-aqwa prova li*

*għandha ġġib il-Prosekuzzjoni f'każijiet bħal dawk tal-esponenti kif fuq spjegat u li dan jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Tiddikjara li l-fatt li s-sistema legali Maltija ma tipprovdix għal mekkaniżmi sabiex tiġi ċċarata u/jew survolata każistika kunfliġġenti u diverġenti jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem kif inkorporata fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*4. Tiddikjara li huma nulli u bla effett iż-żewġ sentenzi mogħtija kontra r-rikorrenti, u cioè dik tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 2018 u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Marzu 2023 u tagħti kull provvediment, ordni, jew direttiva meqjusa neċessarja sabiex ir-rikorrenti jitpoġġew fl-istatus quo ante tal-imsemmija vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tagħhom;*

*5. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni kemm pekunjarji kif ukoll mhux pekunjarji sofferti mir-rikorrenti minħabba l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tagħhom fuq imsemmija u għalhekk tikkundannah iħallas għal tali danni u sussegwentement tillikwida s-somma dovuta minnu bħala danni u/jew kumpens; u*

*6. Ulterjorment, tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq, tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat **ir-risposta tal-konvenut** l-Avukat tal-Istat ippreżentata fl-20 ta' Frar, 2024 permezz ta' liema eċċepixxa:-

*Permezz tal-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti qegħdin jillanjaw mill-eżistenza ta' każistika kunfliġġenti u diverġenti fuq il-kwistjoni tal-aqwa prova li għandha ġġib il-prosekuzzjoni f'każijiet bħal dawk tar-rikorrenti, u li dan jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom għal smigħ*

*xieraq kif sanċit taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Dirttijiet tal-Bniedem kif inkorporat fil-liġi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Apparti dikjarazzjoni ta' ksur f'dan is-sens, ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu wkoll lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li l-fatt li m'hemmx mekkaniżmi sabiex tiġi ċċarata u/jew sorvolata każistika kunfliġġenti jilledi l-istess Artikoli hawn fuq imsemmija, tiddikjara n-nullita` taż-żewġ sentenzi mogħtija kontra r-rikorrenti b'dan li jitpoġġew fl-istatus quo ante, u tillikwida danni pekunjarji u non-pekunjarji favur tagħhom;*

*Qabel mal-esponenti jgħaddu għall-eċċezzjonijiet tagħhom, jinħass xieraq li jingħata sfond konċiż tal-iter proċesswali li wassal għall-proċeduri odjerni.*

*<u>Sfond</u>*

*i) Nhar id-19 ta' Frar, 2013, ir-rikorrenti ġew akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'għadd t'akkużi, fosthom bi ksur tal-liġijiet doganali, fiskali, u kriminali;*

*ii) B'sentenza tal-21 ta' Marzu, 2018, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lir-rikorrenti ħatja tal-imputazzjonijiiet kif dodotti kontra tagħhom u kkundannathom għal multa ta' mija u tlieta u sebgħin elf, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68) ir-ras, u kif ukoll għal piena karċerarja ta' tmintax (18)-il xahar sospiżi għal sentejn;*

*iii) Permezz t'appell tas-8 t'April, 2018, ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza tal-21 ta' Marzu, 2018, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, fejn fost l-aggravji li ressqu, it-tielet aggravju kien proprju jikkonċerna l-ilment tar-rikorrenti li skonthom il-prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova, fejn stiednu wkoll lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tieħu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Michael Borg et tal-15 ta' Jannar, 2019;*

*iv) B'sentenza tal-20 ta' Marzu, 2023, il-Qorti tal-Appel Kriminali wara li investiet ħinha sabiex tikkunsidra l-aggravji, fosthom it-tielet aggravji dwar l-ilment li l-prosekuzzjoni ma ressqitx l-aħjar prova,*

*għaddiet sabiex tiċħad l-appell ta' Vincent Xuereb u Noel Vella u tikkonferma l-ħtija tagħhom u l-piena kif mogħtija mill-Ewwel Qorti;*

*v) Wara li r-rikorrenti ma ġabuhiex żewġ fl-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, huma qegħdin issa, permezz tal-azzjoni odjerna, jittamaw li din l-Onorabbli Qorti tiskaġonahom mill-piena inflitta mill-Qorti tal-Appell Kriminali taħt il-pretest li l-jedd ta' smigħ xieraq tagħhom ġie mittiefes għar-raġuni li hemm sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali li, skont ir-rikorrenti, huma kunfliġġenti.*

*Illi traċċjat x'wassal għall-azzjoni odjerna, l-esponent sejjer issa jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu, u dan mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

<u>*Eċċezzjonijiet*</u>

*1. In vena preliminari, kif spiss jingħad f'dawn l-okkażjonijiet, Qorti mogħnija b'setgħa kostituzzjonali/konvenzjonali m'għandhiex isservi bħala Qorti tat-tielet istanza. Tabilħaqq, proċeduri kostituzzjonalikonvenzjonali taħt il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta m'humiex maħsuba sabiex iservu ta' appell ulterjuri jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat, u għalhekk il-kwistjoni odjerna teżorbita lill hinn mill-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti[1];*

*Dan jingħad partikolarment għaliex permezz tal-azzjoni odjerna r-rikorrenti qegħdin jagħmlu tentattiv kamuffat bil-libsa ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali sabiex jerġgħu jiftħu kapitolu magħluq dwar il-valutazzjoni tal-provi li seħħ matul il-proċeduri penali li huma kienu parti minnhom. Ir-rikorrenti diġa` kellhom l-opportunita` li jressqu l-aggravju tagħhom dwar jekk il-prosekuzzjoni seħħilhiex tipprova l-każ tagħha fuq bażi ta' lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant fil-Qrati Kriminali li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura proċess ġust u xieraq u li jgħarbel dawk il-provi mressqa quddiemu[2];*
*Il-punt ta' tluq kollu dwar iċ-ċertezza legali huwa li s-sentenzi finali tal-Qrati tagħna għandhom jitqiesu li jiswew u ngħataw rite et recte. Għalhekk, is-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 t'April, 2018, u tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2023, li ngħataw fil-konfront tar-rikorrenti m'għandhomx jiġu mxaqqa b'mod frivolu u/jew abbużiv;*

---

[1] *Ādamsons v. Latvia*, no. 3669/03, § 118, 24 June 2008
[2] Ara *Emmanuel sive Leli Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et,* Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Diċembru, 2000;

*Għalhekk fid-dawl tas-suespost l-esponenti qegħdin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħa kostituzzjonali tagħha taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Fil-mertu, l-esponent qiegħed jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt, b'dan li t-talbiet kollha rikorrenti għandhom ikunu miċħuda, u dan għar-raġunijiet li ġejjin u li qed jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin;*

*3. Jibda billi jingħad li sabiex tinstab leżjoni ta' smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita` kollha tiegħu u mhux fuq kunsiderazzjonijiet isolati u/jew b'paragun ma' sentenzi oħra. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju sabiex jipparagunah ma' biċċa minn proċess ġudizzjarju ieħor, u permezz ta' dak il-paragun jasal għal konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq;*

*4. A kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, permezz tas-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tagħhom, ma hemm l-ebda diverġenza u kunflitt ma' sentenzi oħra fuq il-kwistjoni tal-aqwa prova li għandha ġġib il-prosekuzzjoni ġjaladarba kull każ għandu sic et simpliciter l-isfumaturi u l-fattispeċi partikolari tiegħu. Ma hemm xejn ċensurabbli fis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tar-rikorrenti. Dan ifisser li l-ilment tar-rikorrenti ma jistax jitqies li jaqa' fil-parametri tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, b'dan li għandu jwassal għaċ-ċaħda tat-talbiet kollha tar-rikorrenti minnufih;*

*5. Sa fejn ir-rikorrenti fir-rikors tagħhom jgħidu li huwa aċċettat fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) li d-dritt għal smigħ xieraq jinkludi d-dritt għaċ-ċertezza legali, dan irid jittieħed f'kuntest, liema kuntest għandu l-limitazzjonijet tiegħu. Il-fatt li l-Qrati tagħna jikkunsidraw il-każ li għandhom quddiemhom fl-assjem kollu tal-provi prodotti bl-ebda mod ma jfisser li għax każ ma jkollux l-istess eżitu bħal każ simili qed tinħoloq xi ambivalezza li twassal għal telf ta' kunfidenza fil-Qrati tagħna. Iċ-ċertezza legali u l-indokrament tal-kunfidenza fil-Qrati tagħna ma*

*joħolqu l-ebda jedd inerenti għal konsistenza fil-każistika. Żviluppi fil-każistika jew saħansitra diverġenza m'humiex fihom infushom kontro-produċenti għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja jew imorru kontra l-Konvenzjoni Ewropea. Anzi, element ta' varjetà fil-każistika hija aċċettata bħala parti inevitabbli fil-proċess ta' żvilupp u evoluzzjoni tal-ġurisprudenza;*

*6. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex ir-rikorrenti jseħħilhom juru li l-jeddijiet tagħhom kif tutelati taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ġew tassew imkasbra, huma jeħtiġilhom juru li ċ-ċirkostanzi li qegħdin jillanjaw minnhom jinkwadraw ruħhom taħt il-kriterji meħtieġa u żviluppati mill-Qorti ta' Strasburgu sabiex tissussisti leżjoni ta' din l-għamla*[3]*;*

*7. Bid-dovut rispett jingħad li l-lanjanza tar-rikorrenti għandha tfalli mal-ewwel għaliex m'hemmx "profound and long-standing differences"* [4] *fil-każistika tal-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-kwistjoni tal-aħjar prova u dwar kif għandha tiġi ppruvata merkanzija lleċita f'kuntest t'evażjoni ta' dazji u taxxi;*

*8. Meta tassew ikun hemm "profound and long-standing differences" fil-każistika tal-għola Qrati ta' pajjiżna dan jista' jiġi indirizzat u/jew rimedjat billi l-lanjant jagħmel talba għal referenza kostituzzjonali sabiex tkun iċċarata kwistjoni partikolari. Mhux hekk biss, iżda l-leġislatur jista' wkoll jikkontribwixxi b'emendi meħtieġa sabiex liġi li possibbilment tagħti lok għal interpretazzjonijiet varji tkun iċċarata. Madanakollu ċ-ċirkostanzi tal-każ tagħna apparti li ma jinkwadrawx ruħhom taħt "profound and long-standing differences", huma kwistjonijiet prettament relatati ma' valutazzjoni ta' provi, b'dan li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jsibux applikazzjoni għall-kwistjoni odjerna. Għalhekk huma għal kollox skorretti r-rikorrenti meta jgħidu li ma hemm l-ebda mekkaniżmu sabiex inkonsistenza fil-każistika tiġi indirizzata u sorvolata meta din tassew temerġi;*

*9. Għandu joħroġ ċar ukoll matul it-trattazzjoni tal-azzjoni odjerna li d-diverġenza u l-kunflitt li minnhom jillanjaw ir-rikorrenti m'huwiex dwar interpretazzjoni tal-liġi domestika milll-Qrati tagħna, iżda lment dwar kif ġudikant qiegħed jasal għall-konvinċiment morali*

[3] Ara *Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey* [GC], 2011, § 53;
[4] Ibid;

*li l-evidenza u provi mressqa quddiemu jissodisfaw il-vot tal-lill hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Kif jingħad, il-paraguni huma odjużi, u f'ċirkostanzi fejn il-ġudikanti in kwistjoni kellhom quddiemhom fattispeċi u provi differenti, il-paragun li qed jipprovaw jisiltu r-rikorrenti sabiex jgħidu li hemm kunflitt fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali in kwantu valutazzjoni ta' provi ma jreġix;*

*10. Sfieq ma' dan, il-valutazzjoni ta' provi ta' Qorti m'għandiex tittieħed in vacuo mingħajr ma jitqiesu ċ-ċirkostanzi fattwali fl-assjem kollu tal-każ. Dak li jidher li qed jippretendu r-rikorrenti huwa li din l-Onorabbli Qorti twarrab l-għarbiel magħmul mill-Qrati Kriminali fil-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti, tiskjera ruħha mal-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għalihom, u dan mingħajr ma jitqiesu ċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ bħalliekieku għax ġie deċiż mod f'każ partikolari inħoloq preċedent u l-Qrati tagħna huma marbuta jsegwu dik il-linja akkost ta' kollox mingħajr ma jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi kollha li għandhom quddiemhom – anke jekk il-Qorti tkun moralment konvinta lill hinn minn kull dubbju raġjonevoli li għandha tinstab ħtija;*

*11. Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Michael Borg et il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li kienet tistenna nomina ta' espert sabiex jikkonstata l-kontenut tal-merkanzija in kwistjoni jew "almenu"* [5] *ritratti tal-kontenut sabiex tintlaħaq il-prova tal-lill hinn minn kull dubbju raġjonevoli, ma jfissirx li f'ċirkostanzi oħra u f'każijiet oħra ma jistax ikun hemm xhieda u evidenza oħra li permezz tagħhom xorta waħda Qorti jkollha l-konvinċiment morali li ntlaħaq il-grad ta' prova mistenni mingħajr il-ħtieġa ta' ritratti partikolari u/jew nomina ta' espert. Proprju dwar in-nomina ta' espert, l-użu tal-kelma "almenu" twassal lill-esponent jifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' Michael Borg et ukoll ma qisitx in-nomina ta' espert bħala sine qua non sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha, "almenu" jista' jkun hemm ċirkostanzi u evidenza oħra fl-assjem tal-proċeduri li twassal sabiex il-każ ikun pruvat lill hinn minn kull dubbju raġjonevoli xorta waħda;*

*12. Magħdud ma' dan, dwar l-aħjar prova l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta) huwa ċar ħafna li l-konvinzjoni morali dwar jekk intlaħqitx l-aħjar prova f'kuntest t'oneru ta' lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli tistrieħ finalment fil-ġudikant li qiegħed*

[5] Paġna 134 tas-sentenza - "*fin-nuqqas ta' dan* [nomina ta' espert], *il-prosekuzzjoni kellha almenu tippreżenta ritratti li juru l-kaxxi miftuħa biex jintwera dak li wieħed jistenna li kien hemm ġewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti";*

*jippresjedi l-każ, multo magis meta l-ebda każ m'huwa bħall-ieħor. Dan joħroġ bid-dieher meta fis-sub-artikolu (2) tal-artikolu 638 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad illi "f'kull każ, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar";*

13. *Ma jridx jintesa lanqas illi s-sistema legali tagħna ma tħaddanx sistema ta' preċedent, aktar u aktar fejn qegħdin nitħaddtu dwar kwistjoni ta' valutazzjoni ta' provi;*

14. *Fil-każ tar-rikorrenti ma nħolqot l-ebda inġustizzja u/jew inċertezza legali għaliex il-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet konjizzjoni tas-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Michael Borg et, u dehrilha li l-kunsiderazzjonijiet hemmhekk magħmulha dwar l-aħjar prova ma kellhomx japplikaw bl-istess mod għaċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ tar-rikorrenti. Fil-fatt, minn ħarsa lejn is-sentenza ta' Michael Borg et u mis-sentenzi mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti, huwa evidenti li ċ-ċirkostanzi fattwali kellhom sfumaturi differenti, oltre li l-evidenza u x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni ma kinitx l-istess, b'dan li fil-każ tar-rikorrenti il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet sodisfatta li l-prosekuzzjoni laħqet l-oneru ta' prova meħtieġ dwar il-kontenut tal-merkanzija in kwistjoni;*

15. *Fl-aħħarnett, għal dak li għandu x'jaqsam mat-talba numru ħamsa (5) għal-likwidazzjoni ta' kumpens pekunjarju u non-pekunjarju, l-ebda kumpens ma huwa dovut ġjaladarba ma seħħet l-ebda leżjoni. Fi kwalunkwe każ, u jekk għall-grazzja tal-argument biss din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li seħħet leżjoni, ir-rimedju adekwat fiċ-ċirkostanzi jkun dikjarazzjoni ta' leżjoni u li r-rikorrenti jitpoġġew fl-istatus quo ante, u għalhekk kwalunkwe likwidazzjoni ta' kumpens ma jkunx meħtieġ sabiex jindirizza l-lanjanzi tar-rikorrenti u jmur lill hinn mill-iskop tal-azzjoni;*

16. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet il-provi tal-partijiet.

Rat l-atti proċesswali inkluż in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti proesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-lanjanza tal-atturi f'din il-kawża hija li sofrew ksur tad-dritt tagħhom għal smiegħ xieraq kif sanċit f'artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta (il-Kostituzzjoni) u fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (il-Konvenzjoni) kif inkorporata fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Skont l-atturi dan sar minħabba każistika li skonthom hija kunflinġenti u li l-linja adottata mill-Qorti fil-konfront tagħhom, fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Vincent Xuereb u Noel Vella,* kienet għalihom ta' preġudizzju.

## IL-PROVI

Illi l-provi prodotti kienu primarjament jikkonsistu fil-proċess tal-kawża kriminali quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bin-numru ta' referenza 21/2013 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Vincent Xuereb u Noel Vella* u tal-appell relattiv bin-numru ta' riferenza 166/2018.

Illi mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li fid-19 ta' Frar 2013 l-atturi ġew akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'reati kommessi bi ksur tal-Ordinanza dwar id-Dwana, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u l-Kodiċi Kriminali, b'rabta ma importazzjoni ta' sigaretti. Huma ingħataw il-liberta proviżorja f'din l-istess ġurnata.

Illi dawn is-sigaretti instabu abbord il-bastiment MBF 1775 bl-isem *Sea Lioness* fis-17 ta' Frar 2013.

Illi tul il-prosegwiment ta' dik il-kawża kriminali, tressqu diversi provi mill-prosekuzzjoni li kienu jikkonsistu fis-segwenti:

- Ix-xhieda **tar-rappreżentant tad-Dwana Joseph Borg** fl-10 t'April 2013 li esebixxa:
  - Letter to prosecute
  - 2 noti ta' qbid
  - Is-sigaretti esebiti formalment

  Fis-seduta tas-26 ta' Ġunju 2013 l-istess xhud ippreżenta garanzija bankarja ta' €23,000 li saret versu r-rilaxx tad-dgħajsa a favur sidha Joseph Farrugia.
- Ix-xhieda tar-**rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud Noel Attard** fl-10 t'April 2013 li esebixxa letter to prosecute.
- Ix-xhieda tal-**Ispettur Maurice Curmi** fl-10 t'April 2013 li esebixxa, l-istqarrijiet tal-imputati kif ukoll tlett mobile phones u l-irċevuti tagħhom.

- Ix-xhieda tal-**enforcement officer tad-Dwana Kevin Francia** fl-10 t'April 2013 li spjega li aċċeda fuq id-dgħajsa l-moll tal-Marfa u nstabu 39 master case tas-Sigaretti Business Royal. Huwa ippreżenta żewġ dokumenti li jindikaw l-oġġetti miżmuma mid-dwana u cioe d-dgħajsa u l-kaxxi tas-sigaretti.
- Ix-xhieda tal-**Fizzjal tad-Dwana Mario Camilleri** fl-10 t'April 2013 li kkonferma li fuq id-dgħajsa ra lill-imputati u li kien hu li ħareġ u ffirma ż-żewġ dokumenti prodotti mix-xhud Kevin Francia.
- Ix-xhieda tal-**Logotenent Kurunell Andrew Mallia** fl-10 t'April 2013 li xehed dwar kif il-Forzi Armati ta' Malta irċeviet rapport ta' suspett ta' kuntrabandu u li ajruplan interċetta l-bastiment *Sea Lioness* fejn kien qed isir trasferiment ta' merkanzija minn fuq bastiment ieħor għal fuq il-bastiment *Sea Lioness*. Hu spjega li sussegwentament *Patrol Boat* tal-Forzi armati ħarġet fejn l-imsemmija lanċa bis-suldati jitilgħu abbord, jagħmlu tfittxija fejn sabu ammont konsiderevoli ta' sigaretti u jordnaw id-dħul tal-lanċa l-Marfa Għawdex. Huwa ppreżenta pendrive b'filmat u rapport.
- Ix-xhieda ta' **Paul Magro in rappreżentanza ta' Transport Malta** fis-26 ta' Ġunju 2013 li xehed li id-dgħajsa *Sea Lioness* tappartjeni lil ċerta Joseph Farrugia li ppreżenta ċertifikat ta' reġistrazzjoni tad-dgħajsa u transcript mir-reġistru tal-vapuri li jirrigwardja l-istess dgħajsa.
- Ix-xhieda ta' **Joe Micallef valuation officer tad-Dwana** fis-26 ta' Ġunju 2013 li xehed kif il-kaxxi tas-sigaretti elevati kienu jammontaw għal elf disgħa mija u ħamsin grossa ta' għoxrin pakkett sigaretti kull grossa, ekwivalenti għal tlett mija u disgħin elf sigarett. Skont l-istimat ppreżentata minnu kull pakkett sigaretti jiswa 58 ċenteżmu b'valur totali ta' ħdax-il elf tlett mija u għaxar ewro (€11,310). L-istess xhud xehed in kontro eżami fis-6 ta' Lulju 2017 fejn spjega li huwa jasal għall-valur li kien sejjaħlu CIF (Cost, Insurance u Freight) billi joħrog average mis-sigaretti li jiġu importati Malta legalment. Huwa spjega ukoll li hu jgħodd il-kaxxi fiżikament pero ma jiftaħomx biex janalizza l-kontenut.
- Ix-xhieda tas-**Surgent tal-Forzi Armati ta' Malta David Delia** fl-20 ta' Novembru 2023 li xehed kif huwa kien wieħed minn dawk li l-ewwel interċettaw u telgħu abbord id-dgħajsa *Sea Lioness* fejn kien hemm l-imputati u li fuqha sabu numru kbir ta' sigaretti, liema dgħajsa kienet tinsab circa 13.6 mil nawtiku l' barra mill-ponta taċ-ċirkewwa. Huwa ddeskriva dak li sabu fuq id-dgħajsa u kemm sabu sigaretti li kienu maħżuna ġo *hatch* taħt il-gverta, li l-bokka tiegħu kienet mgħottija b'tapit. Huwa spjega kif din il-*hatch* kienet tintuża bħala *freezer*. L-istess xhud ippreżenta ritratt tal-grosos tas-sigaretti u rapport bid-dettalji tal-operazzjoni.
- Ix-xhieda tas-**Surgent tal-Pulizija Duncan Schembri** fis-7 ta' Mejju 2014 li kkonferma l-firem fuq l-istqarrija ta' Noel Vella u identifika lill-istess fl-Awla.

- Ix-xhieda ta' **Staff Seargent Christopher Brimmer** fis-7 ta' Mejju 2014 li xehed kif il-Forzi Armati permezz ta' *Patrol Boat* interċettaw id-dgħajsa *Sea Lioness*, sabu l-kaxxi tas-sigaretti u tkellmu mal-imputati abbord. Huwa spjega li minkejja li kien hemm xi għodda tas-sajd ma kien jidher ebda ħut, lixka jew xi ħaġa oħra li tindika li kienu se jistadu.

Illi l-imputati ppreżetnaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub u ressqu diversi linji ta' difiża mingħajr preġudizzju għal xulxin, li kienu:
- Dwar in-nuqqas tal-intenzjoni tal-esponenti li jidħlu f'Port Malti.
- Dwar in-nuqqas ta' prova li l-prodott abbord l-opra tal-baħar *Sea Lioness* kien konsenja sigaretti.
- Dwar in-nuqqas ta' prova li Vella kien jaf, fehem u xtaq il-konsegwenzi ta' għemilu.
- Dwar l-addebitu ta' reċidiva fil-konfront ta' Noel Vella.

Huma għamlu ukoll sottomissjonijiet ukoll għall-fini ta' piena.

Illi l-Kummissarju tal-Pulizija ukoll preżenta nota ta' Sottomissjonijiet li madanakollu ġiet sfilzata stante li ġiet ippreżentata tardivament u wara dik tad-difiża.

Illi b'sentenza mgħotija fil-21 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-atturi instabu ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kull wieħed minnhom ġie ikkundannat tmintax il-xahar priġunerija u multa ta' mija tlieta u sebgħin elf disgħa mija tlieta u tmenin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€173,983.68) b'terż tal-multa imposta titqies bħala dejn ċivili dovut lid-Dipartiment tad-Dwana.

Illi l-atturi appellaw minn dik is-sentenza fis-6 t'April 2018, b'numru ta' aggravji li kienu:
- L-inammissabilita tal-istqarrijiet tal-imputati;
- Dwar l-obbligi fiskali u doganali;
- Dwar il-merkanzija abbord il-bastiment *Sea Lioness* u cioe li ma ġiex ippruvat 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raġuni li l-kontenut tal-kaxxi tas-sigaretti, kien filfatt sigaretti;
- Dwar il-parteċipazzjoni tal-appellant Noel Vella u cioe li ma ġietx ipprovata l-*mens rea* tiegħu; u
- Dwar il-multa imposta fuq l-appellanti.

Illi l-appell ġie trattat fis-seduta tas-26 t'Ottubru 2018 u bejn din is-seduta u dik meta ngħatat is-sentenza kien hemm diversi differiment għal raġunijiet varji, l-aktar pero minħabba l-pandemija tal-Covid-19 u t-tibdil tal-Imħallef li jippresjedi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri).

Illi s-sentenza ingħatat fl-20 ta' Marzu 2023 u fis-seduta preċedenti li nżammet fis-6 ta' Frar 2023 id-difiża kienet stiednet lill-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni tas-sentenza tal-istess Qorti tal-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Michael Borg et'[6].

Illi b'sentenza minnha mgħotija fl-20 ta' Marzu 2023, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) laqgħet biss l-aggravju dwar l-ammissibilita tal-isqarrijiet tal-imputati, hawn atturi, u mill-bqija ċaħdet il-kumplament tal-appell, inkluż l-aggravju dwar il-grad tal-prova milħuq mill-prosekuzzjoni, u kkonfermat l-ewwel sentenza.

Illi minbarra l-atti tal-proċess kriminali ma tressqux provi fil-proċeduri odjerni għajr għar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali (rappreżentat minn Marica Mifsud) biex, fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2024, ġiet preżentati vera kopja tas-segwenti sentenzi:

- Appell Inferjuri 89/2023 – Pulizija vs George Vella deċiż fit-23 ta' Mejju 2023
- Appell Inferjuri 458/2021 – Pulizija vs Raymond Camilleri deċiż fil-5 ta' April 2022
- Appell Inferjuri 262/2022 – Pulizija vs Mario Cardona deċiż fit-13 ta' Ottubru 2022,
- Appell Inferjuri 409/2016 u 418/2016 – Pulizija vs Anton Mallia deċiż fil-25 ta' Ġunju 2020
- Appell Inferjuri 302/2018 – Pulizija vs Anthony Cremona deċiż fil-14 ta' Frar 2019
- Appell Inferjuri 312/2018 – Pulizija vs Michael Borg deċiż fil-15 ta' Jannar 2019
- Appell Inferjuri 301/2018 – Pulizija vs Shannon Cauchi deċiż fil-15 ta' Jannar 2019
- Appell Inferjuri 530/2022/1 – Pulizija vs Gordon Grech deċiż fl-14 ta' Marzu 2024

## **KUNSIDERAZZJONIJIET**

Ikkunsidrat

Illi l-atturi qed jallegaw li huma sofrew ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom għal smiegħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minħabba li fid-dawl tal-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit* il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ikkonfermat il-ħtija fl-atturi

[6] Appell numru: 312/2018

minkejja li fil-fehma tagħhom il-prosekuzzjoni naqset li ġġib prova ta' x'kien hemm fil-pakketti tas-sigaretti u naqset milli tadotta il-pożizzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) diversament presjeduta kienet adottat fil-kawża fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Michael Borg* u xi sentenzi oħra li kopja tagħhom ġiet preżentata fil-proċeduri odjerni.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' Michael Borg tgħid li:

> *Illi b'qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-gurisprudenza citata jirrizuta li l-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi d-dazju ma thallas. Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, il-prosekuzzjoni la darba trid tiprova li ma rrizultax li thallas id-dazju, huwa necessarju li l-prosekuzzjoni tiprova x'inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal 'sigaretti' misjuba, biss pero minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' kaxxi bl-isem 'Business Royal' u 'Tradition' kif ukoll kaxxi izghar f'kaxxi akbar, ma giex prezentat ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt ta' sigarett. Dan huwa relevanti fil- kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellant, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, filfatt filwaqt li l-prosekuzzjoni tellghat lil PS659 Jeffrey Hughes li ghamel l-ezamijiet kimici ghaz-zvilupp tal-impronti fuq ilkaxxi u boroz tal-plastik u esebixxa r-relazzjoni tieghu u l-Qorti sussegwentement hatret lil Joseph Mallia biex jeleva l-impronti digitali tal-imputati u jaghmel ezami kom parattiv, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi, kien umbghad jispetta lill-imputati biex jipruvaw li d-dazju thallas.*
>
> *Il-fatt li wiehed mill-ufficjali prosekutur prezenta formalment il-master cases li allegatament kienu jikkontjenu s-sigaretti ma jfissirx li ngiebet l-ahjar prova li l-Qorti tistenna li l-prosekuzzjoni tressaq. L-istess jinghad ghaz-zewg pakketti sigaretti Business Royals li l-Ispettur Ian Abdilla fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega li 'Nibda biex nipprezenta bhala Dok IA15, esebit li ghandu r-referenza 13BXQ201 li huma zewg pakketti tas-sigaretti Business Royals. Dawn instabu mill-ufficjali tar-Rapid Intervention*

*Unit fil-console tad-dghajsa Blue Dolphin I. Dawn qed jigu prezentati bhala Dok IA15'. Dawn il-pakketti sigaretti li din il-Qorti qieghda tifhem li huma dawk li jidhru fir-ritratt bir-referenza FS131276- DOK 13 BXB 108 a fol 768 fejn anke jidhru zewg pakketti sigaretti a fol 776 fir-ritrattt bir-referenza FS131276 - DOK 13 BXB 121, kif ukoll sussegwentement is-sejba tal-'4 grosos tad-ditta Business Royals go dan il-konz u dawn gew elevati minni.' instabu fuq id-dghajsa u mhux fil-vann mal-kumplament tal-kaxxi.*

*Illi l-Qorti kienet tistenna li fil-kaz odjern kienet tigi mahtura inkjesta magisterjali, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien jahtar esperti sabiex tigi preservata l-evidenza u sabiex jigi kkonstatat u stabbilit l-oggett in mertu. Mill-atti jirrizulta li l-Magistrat Inkwirenti kient biss mitluba sabiex issir identifcation parade u dan kif jirrizulta mill-process verbal a fol 616 et sequitur. L-ewwel proviso tal-artikolu 546(1) talKapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*'Iżda fejn jirriżulta li l-fatt li dwaru ma tkunx saret investigazzjoni taħt dan is-subartikolu kien jikkostitwixxi reat li għalih kienet tingħata l-piena msemmija f'dan is-subartikolu, nnuqqas li tinżamm investigazzjoni taħt dan is-subartikolu m'għandux, għal dik ir-raġuni biss, jippreġudika b'kull mod li jkun li jinbdew jew jitkomplew proċedimenti kriminali għal dak ir-reat jew l-ammissibilità ta' kull prova dwar dak ir-reat f'dawk il-procedimenti:'*

*Ghalhekk fin-nuqqas li ssir Inkjesta Magisterjali, il-prosekuzzjoni setghet titlob sabiex l-evidenza tigi prezervata u titlob in-nomina ta' espert sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi. Fin-nuqqas ta' dan, il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti.*
*[...]*
*Ghalkemm din il-Qorti bir-ritratti prezentati u mill-provi prodotti tista' tipresumi li dak li hemm fil-kaxxi li jidhru fir-ritratti prezentati kienu fil-fatt sigaretti, prezunzjonijiet ma ghandhomx post fi proceduri penali. L-irwol tal-Qorti hija li tiddeciedi jekk hemmx htija o meno bil-provi esebiti fil-process biss u cioe' fuq il-provi li ghandha quddiemha u mhux fuq dak li tippresumi li jirrizulta. Ghalhekk din il-Qorti qieghda takkolja dan l-aggravju tal-appellant u tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxielhiex tressaq l-ahjar prova li dak misjub kienu filfatt sigaretti fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.*

Illi Michael Borg kien ġie akkużat, dwar l-istess fatti, flimkien ma erba' persuni oħra; tnejn minnhom instabu ħatja ukoll, filwaqt li t-tnejn l-oħra ġew liberati. Iż-żewġ persuni l-oħra li nstabu ħatja, Anthony Cremona u Shannon Cauchi, appellaw ukoll[7]. Huma ukoll ġew liberati mill-Qorti tal-Appell għall-istess raaġunijiet li wasslu għall-liberatorja ta' Michael Borg.

Illi xi sentenzi oħra deċiżi wara dik ta' Michael Borg[8] adottaw l-istess pożizzjoni u cioe li l-prosekuzzjoni, fin-nuqqas ta' inkjesta Maġisterjali li fiha jinħatar espert biex janalizza dak misjub, kellha titlob il-ħatra ta espert sabiex jirrelata fuq il-kontenut tal-pakketti tas-sigaretti jew tal-inqas jiġu ppreżentati ritratti tal-pakketti miftuħa. It-tlett sentenzi li jagħmlu riferenza għas-sentenza ta' Micheal Borg u adottawha huma dawk:

- Appell Inferjuri 458/2021 – Pulizija vs Raymond Camilleri deċiż fil-5 ta' April 2022
- Appell Inferjuri 262/2022 – Pulizija vs Mario Cardona deċiż fit-13 ta' Ottubru 2022
- Appell Inferjuri 89/2023 – Pulizija vs George Vella deċiż fit-23 ta' Mejju 2023

Illi fis-sentenza mgħotija fil-konfront tal-atturi l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet tal-fehma li ma kienx neċessarju li jiġi nominat espert li jeżamina l-kontenut tal-pakketti tas-sigaretti ghaliex kienu jeżistu provi li kkonvinċewha li dawk il-pakketti kienu effettivament sigaretti.

Ikkunsidrat

Illi huwa ben stabbilit li l-ġurisdizzjoni nostrana ma tħaddanx il-prinċipju ta' *stare decisis* jew *binding precedent*. Minkejja dan pero, id-dritt għaċ-ċertezza legali jibqa wieħed mill-prinċipji bażiċi tas-saltna tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi filfatt fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Portelli pro et noe vs Estelle Azzopardi**[9] li fiha l-Qorti tal-Appell kienet qed tiddiskutu jekk sentenzi għandhomx effett *erga omnes* jew inkella *inter partes* biss, ntqal li:

> *... ... is-sentenzi ma għandhomx seħħ erga omnes, u l-qrati ma humiex marbutin bir-regola stare decisis, dan ma jfissirx illi l-auctoritas rerum similiter iudicatarum għandha tintesa. Għalkemm il-konflitti fil-ġurisprudenza huma inevitabbli – u xi drabi huma wkoll ta' ġid għax*

[7] **Pulizija vs Anthony Cremona** Appell Inferjuri 302/2018 – deċiż fil-14 ta' Frar 2019; u **Pulizija vs Shannon Cauchi** Appell Inferjuri 301/2018 – deċiż fil-15 ta' Jannar 2019.
[8] Minbarra dawk ta' Cremona u Cauchi.
[9] Appell Civili Numru. 29/1997/1 – Deċiż fil-31 t'Ottubru 2014

> *jipprovokaw djalogu u xi drabi jkun ukoll meħtieġ illi jkunu eżaminati ex novo posizzjonijiet stabiliti li tkun intesiet ir-ratio warajhom – madankollu dawn il-konflitti jkunu evitati u ċċertezza tad-dritt tkun imħarsa jekk ikun hemm konsistenza fis-sentenzi. F'sitwazzjonijiet fejn il-fatturi determinanti jixxiebħu jew huma identiċi, id-deċiżjoni għandha tkun l-istess, mhux għax qorti hija marbuta b'dak li tgħid qorti oħra iżda għax lill-istess mistoqsija għandha tingħata l-istess tweġiba.*

Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll titkellem fuq il-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-jedd ta' smiegħ xieraq fil-kuntest ta' sentenzi kunflinġenti. Fis-sentenza fl-ismijiet **Albu and Others vs Romania**[10] tgħid li:

> *34. In its recent Grand Chamber judgment in Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey ([GC], no. 13279/05, 20 October 2011), the Court reiterated the main principles applicable in cases concerning the issue of conflicting court decisions (§§ 49-58). These can be summarised as follows:*
>
> *(i) It is not the Court's function to deal with errors of fact or law allegedly committed by a national court unless and in so far as they may have infringed rights and freedoms protected by the Convention (see García Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, § 28, ECHR 1999-I). Likewise, it is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected (see Ādamsons v. Latvia, no. 3669/03, § 118, 24 June 2008);*
>
> *(ii) The possibility of conflicting court decisions is an inherent trait of any judicial system which is based on a network of trial and appeal courts with authority over the area of their territorial jurisdiction. Such divergences may also arise within the same court. That, in itself, cannot be considered contrary to the Convention (see Santos Pinto v. Portugal, no. 39005/04, § 41, 20 May 2008, and Tudor Tudor, cited above, § 29);*
>
> *(iii) The criteria that guide the Court's assessment of the conditions in which conflicting decisions of different domestic courts ruling at last instance are in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of the domestic courts, whether the domestic law provides for machinery for*

[10] Applications nos. 34796/09 and 63 other cases – Deċiżi fl-10 ta' Mejju 2012

*overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50; see also Beian (no. 1), cited above, §§ 34-40; Ştefan and Ştef v. Romania nos. 24428/03 and 26977/03, §§ 33-36, 27 January 2009; Schwarzkopf and Taussik, cited above, 2 December 2008; Tudor Tudor, cited above, § 31; and Ştefănică and Others, cited above, § 36);*

*(iv) The Court's assessment has also always been based on the principle of legal certainty which is implicit in all the Articles of the Convention and constitutes one of the fundamental aspects of the rule of law (see, amongst other authorities, Beian (no. 1), cited above, § 39; Iordan Iordanov and Others, cited above, § 47; and Ştefănică and Others, cited above, § 31);*

*(v) The principle of legal certainty, guarantees, inter alia, a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts. The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Paduraru v. Romania, § 98, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009; and Ştefănică and Others, cited above, § 38);*

*(vi) However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008). Case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. "the Former Yugoslav Republic of Macedonia", no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Dimech vs Malta**[11], il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tgħid:

*64. One of the fundamental aspects of the rule of law is the principle of legal certainty (see Brumărescu v. Romania [GC], no. 28342/95, § 61, ECHR 1999-VII), which, inter alia, guarantees a certain stability in legal situations and contributes to public confidence in the courts*

[11] Application no. 34373/13 – Deċiża fit-2 t'April 2015

*(see Nejdet Şahin and Perihan Şahin v. Turkey [GC], no. 13279/05, § 57, 20 October 2011). The persistence of conflicting court decisions, on the other hand, can create a state of legal uncertainty likely to reduce public confidence in the judicial system, whereas such confidence is clearly one of the essential components of a State based on the rule of law (see Vinčić and Others v. Serbia, nos. 44698/06 and others, § 56, 1 December 2009). However, the requirements of legal certainty and the protection of the legitimate confidence of the public do not confer an acquired right to consistency of case-law (see Unédic v. France, no. 20153/04, § 74, 18 December 2008) and case-law development is not, in itself, contrary to the proper administration of justice since a failure to maintain a dynamic and evolutive approach would risk hindering reform or improvement (see Atanasovski v. the former Yugoslav Republic of Macedonia, no. 36815/03, § 38, 14 January 2010).*

*65. The Court has been called upon a number of times to examine cases concerning conflicting court decisions and has thus had an opportunity to pronounce judgment on the conditions in which conflicting decisions of domestic supreme courts were in breach of the fair trial requirement enshrined in Article 6 § 1 of the Convention (see Paduraru v. Romania, no. 63252/00, ECHR 2005-XII (extracts); Beian v. Romania (no. 1), no. 30658/05, ECHR 2007-XIII (extracts); Iordan Iordanov and Others v. Bulgaria, no. 23530/02, 2 July 2009; Perez Arias v. Spain, no. 32978/03, 28 June 2007; Ştefan and Ştef v. Romania, nos. 24428/03 and 26977/03, 27 January 2009; Taussik v. the Czech Republic (dec.), no. 42162/02, 2 December 2008; and Tudor Tudor v. Romania, no. 21911/03, 24 March 2009). In so doing it has explained the criteria that guided its assessment, which consist in establishing whether "profound and long-standing differences" exist in the case-law of a supreme court, whether the domestic law provides for machinery for overcoming these inconsistencies, whether that machinery has been applied and, if appropriate, to what effect (see Iordan Iordanov and Others, cited above, §§ 49-50).*

Illi dawn l-istess prinċipji ġew konfermati fis-sentenza **Borg vs Malta**[12], li l-atturi u l-konvenut Avukat tal-Istat it-tnejn jagħmlu riferenza estensiva għaliha.

Illi minn din il-ġurisprudenza huwa stabbilit li filwaqt li l-konsistenza fid-deċiżjonijiet tal-Qrati, speċjalment dawk superjuri hija importanti u għandha tiġi inkoraġġuta, l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza u l-fatt li Qorti tieħu pożizzjoni

[12] Application no 37537/13 Deċiż fit-12 ta' Jannar 2016

differenti minn Qorti oħra la jmorru kontra xi prinċipju ta' liġi domestika u lanqas jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Vjolazzjoni tad-drittijiet fundalentali tal-bniedem madanakollu tista tissussisti biss, f'dan il-kuntest, jekk jiġi ppruvat li jkun hemm "*profound and long-standing differences"* fil-ġurisprudenza u d-deċiżjoni tal-Qorti tkun waħda arbitrarja.

Ikkunsidrat

Illi dan stabbilit u b'applikazzjoni tiegħu għall-każ in eżami l-Qorti ser tibda billi tqies jekk hemmx *"profound and long standing differences"* fis-sentenzi imsemmija mill-atturi.

Illi jidher li s-sentenza fl-ismijiet *Pulizija vs Michael Borg*[13] kienet l-ewwel waħda minn sensiela żgħira ta' sentenzi li jgħidu li biex tilħaq il-grad tal-prova rikjest mill-liġi l-prosekuzzjoni kellha taħtar, f'dawk il-każi, espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut tal-pakketti tas-sigaretti jew tal-inqas tipproduċi ritratti tal-pakketti minn ġewwa. Din is-sentenza ġiet deċiża fil-15 ta' Jannar 2019, jiġifieri wara li seħħ ir-reat mill-atturi, wara li ingħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), wara li ġie intavolat l-appell u saħansitra wara li ġie trattat l-appell. Dan qed jingħad peress li ma jistax jingħad li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza mgħotija fil-konfront tal-atturi marret kontra xi serje twila ta' sentenzi li kienet ilha snin stabbilita.

Illi filfatt sa minn meta ġie trattat sa meta ġie deċiż l-appell fil-każ tal-atturi ngħataw biss is-sentenzi ta' Michael Borg u ż-żewġ ko-akkużati Shannon Cauchi u Anthony Cremona, u s-sentenzi ta' Raymond Camilleri u ta' Mario Cardona[14] u dan f' medda ta' circa tlett snin. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jitqies bħala *long standing differences*.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas ma jista jingħad li d-differenzi bejn is-sentenza tal-atturi minn naħa u dawk ta' Michael Borg (flimkien ma' Cauchi u Cremona), ta' Raymond Camilleri u ta' Mario Cardona min-naħa l-oħra kienu differenzi profondi.

Illi l-atturi mhux qed jilmentaw minn applikazzjoni jew interpretazzjoni konflinġenti ta' xi liġi sostantiva; il-liġijiet fiskali u doganali applikabbli għal dawn il-każijiet kienu ċari u ma ngħataw l-ebda interpretazzjoni konfliġenti fis-sentenza tal-atturi meta mqabbla ma dawk ta' Michael Borg u l-oħrajn. Lanqas

[13] Flimkien mas-sentenza *Pulizija vs Shannon Cauchi*.

[14] Għandu jingħad li minn qari tas-sentenza *Pulizija vs Anton Mallia* (li ġiet deċiża qabel tal-atturi ) jirriżulta li l-kwistjoni li wasslet għall-liberatorja ta' Mallia ma kenitx jekk ġiex pruvat fil-grad rikjest mill-liġi li l-oġġetti maqbuda kienu sigaretti, imma, aċċettat li kienu sigaretti, jekk kienux dazzjabbli.

ma kien hemm xi applikazzjoni jew interpretazzjoni differenti ta' liġijiet proċedurali u dan peress li fis-sentenzi kollha msemmija hemm qbil li l-grad ta' prova rikjest f'dawn il-proċeduri huwa dak lilhinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi li jidher li kien hemm differenti fis-sentenzi imsemmija kien il-konvinċiment tal-ġudikant, u ċioe liema prova ġiet aċċettata bħala dik li tissodisfa l-oneru imsemmi. F'dan ir-rigward għandu jingħad li minkejja li l-grad tal-prova rikjest fi proċeduri kriminali huwa l-istess f'kull kawża, ma jfissirx li żewġ ġudikanti neċessarjament għandhom f'każijiet apparentment simili jaċċettaw jew ma jaċċettawx prova partikolari bħala waħda tajba u li tilħaq l-oneru impost mill-liġi. Dan għaliex il-qorti trid tqis kull prova fil-kuntest aktar wiesgħa tal-provi kollha mressqa.

Illi f'dan l-istadju jkun opportun li jiġi rilevat li mhux fil-kompetenza ta' din il-Qorti li tippronunzja ruħha dwar jekk il-grad tal-prova intlaħaqx jew le fil-proċeduri kriminali imsemmija għaliex anke kif intqal mill-Avukat tal-Istat, din il-Qorti mhix waħda tat-tielet istanza. Din il-Qorti tagħmel tagħha dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Terence Cini vs Avukat ta' l-Istat et**[15]:

> *Din il-Qorti tagħmilha ċara li, fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħha, mhix Qorti ta' appell tat-tielet grad u għalhekk bl-ebda mod mhi ser tkun qed tagħmel mill-ġdid apprezzament tal-fatti li diġa' ddeċidew dwarhom il-Qrati Kriminali fil-ġudizzju tagħhom, iżda tillimita ruħha sabiex tagħmel skrutinju tal-istess proċeduri sabiex teżamina u tiddeċiedi jekk matul l-istess proċeduri d-drittijiet tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ġew mħarsa. Il-Qorti tfakkar li jekk kemm-il darba hi tmur lil hinn minn dan tkun hi stess li tkun qed tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali vis-a-vis deċiżjoni li għaddiet in ġudikat.*

Illi dan jingħad anke fid-dawl tal-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tqis ir-rispett lejn sentenzi li għaddew in ġudikat bħala wieħed mill-prinċipji essenzjali taċ-ċertezza legali, filfatt tgħid li:

> *In the specific context of supervisory review, the Court requires that the authorities respect the binding nature of a final judicial decision and allow the resumption of criminal proceedings only if serious legitimate considerations outweigh the principle of legal certainty. In particular, a review of a final and binding judgment should not be granted merely*

[15] 16 ta' Diċembru 2024 – pendenti appell fil-Qorti Kostituzzjonali

> *for the purpose of obtaining a rehearing and a fresh determination of the case, but rather to correct judicial errors and miscarriages of justice.*

Illi din il-Qorti ma tarax li fil-każ odjern kien hemm xi *judicial error* jew xi *miscarriage of justice*. Lanqas ma tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ tal-atturi ittieħdet b'mod arbitrarja[16]. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f' **Şahin v. Turkey**[17] tgħid li:

> *It is not its function, save in the event of evident arbitrariness, to compare different decisions of national courts, even if given in apparently similar proceedings, as the independence of those courts must be respected.*

Illi fis-sentenza mgħotija fil-konfront tal-atturi l-Qorti tal-Appell Kriminali tgħid li:

> *M'hemmx għalfejn jitqabbad espert biex jgħid li l-oġġett huwa sigarett għax m'hemmx bżonn li ssir prova ta' affarijiet li jitkellmu minnhom infushom".*

Illi l-istess Qorti tkompli billi tgħid li:

> *... jekk tkun ikkunsidrata ix-xhieda tal-valuation officer waħidha u r-reqqa li biha wasal għall-valutazzjoni huwa biżżejed li dan kien jaf biżżejjed dwar xiex kellu jagħmel il-valutazzjoni. M'hemmx dubju dwar l-ammont ta' sigaretti nvoluti u ta' liema brand kienu. Il-Prosekuzzjoni ppruvat dan kollu 'l hemm minn kull dubju raġonevoli b'dan illi l-prova xjentifika ta' espert li qed jinsistu fuqha l-appellanti* ***ma kienx hemm bżonnha f'dan il-każ***[18]*".*

Illi mill-paragrafu suċitat jidher li l-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat l-provi kollha ppreżentati u derilha li anke kieku kellha tiġi kkunsidrata x-xhieda tal-valuation officer biss, kienet twassal għall-konvinzjoni tagħha u b'hekk għal dan il-każ partikolari ma ħassitx li kien hemm bżonn il-ħatra ta' espert jew xi prova ulterjuri. Din il-Qorti bla ma tidħol fil-mertu ta' dak deċiż, għaliex kif diġa spjegat, din mhix mansjoni tagħha, hija konvinta li d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma kinitx waħda arbitrarja.

---

[16] Il-kriterju l-ieħor imsemmi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
[17] Rikors numru 13279/05 – Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – Grand Chamber – 20 t'Ottubru 2011
[18] Enfasi ta' din il-Qorti.

Illi tant ma kinitx deċiżjoni arbitrarja li l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kif preseduta fl-appell tal-atturi li fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Gordon Grech**[19], tagħmel riferenza għas-sentenza tal-atturi u tgħid li:

> *Din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni li dak li ngħad fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb et (Numru 166/2018) u li ġiet ċitata hawn fuq għandu jsib applikazzjoni f'dan il-każ ukoll. Minkejja dan, fl-atti proċesswali tal-każ li għandha quddiemha din il-Qorti lanqas biss ġie eżebiet ritratt/ritratti ta' dak li ġie maqbud. Fl-assenza ta' Inkjesta Maġisterjali u fl-assenza li l-Ewwel Qorti tappunta espert sabiex jeżamina l-kontenut tal-fliexken maqbuda, kien jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li tal-anqas tippreżenta ritratt/ritratti ta' dak li ġie maqbud li kellhom jittieħdu in konsiderazzjoni fl-assiem tal-provi kollha hekk kif prodotti quddiem l-Ewwel Qorti.*

Illi s-sentenza suċitata hija konferma tal-fatt li kull każ huwa differenti u li l-apprezzament li jsir mill-Qorti jsir mhux fir-rigward ta' kull prova meħuda in iżolamant imma tal-provi kollha prodotti f'dak il-każ partikolari, fl-assjem tagħhom.

Illi għalhekk la darba ma jirriżultax li fil-ġurisprudenza dwar reati li tagħhom instabu ħatja l-atturi hemm xi *profound and long-standing differences* u la darba d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ tal-atturi ma kinitx waħda arbitrarja, ma jistax jingħad li kien hemm ksur tad-dritt tal-atturi għal smigħ xieraq, għalhekk l-ewwel żewġ talbiet tal-atturi qed jiġu miċħuda. Konsegwentement anke t-talbiet l-oħra għandhom jiġu miċħuda għaliex jiddependu fuq sejbien ta' ksur tad-dritt vantat mill-atturi. Dan anke fir-rigward tat-tielet talba għaliex kif ġustament jirrileva l-konvenut l-Avukat tal-Istat la darba l-Qorti sabet li m'hemmx lezjoni tad-dritt vantat mill-atturi, u b'mod parikolari ma sabitx li hemm xi *profund and longstanding differences* fil-ġurisprudenza relattiva, l-atturi m'għandhomx l-interess ġuridiku rikjest, *victim status,* li jiġġustifika kunsiderazzjonijiet dwar jekk s-sistema legali Maltija tipprovdiex għal mekkaniżmi sabiex tiġi ċarata u/jew sorvolata sitwazzjoni ta' profound and longstanding differences. Fil-każ in eżami kull kunsiderazzjoni fir-rigward tkun eżerċizzju purament akkademiku.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi, tilqa l-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat u tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

[19] 530/2022/1 – 14 ta' Marzu 2024; sentenza esebieta fuq talba tal-atturi flimien mas-sentenzi l-oħra.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**